KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

BORMLA
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 019/2020**

12 ta' Novembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

**19.1 Qari ta' ittri ta' apologija**

19.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsillier James Cauchi kien talab lill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza tieghu mis-seduta minhabba ragunijiet ta' mard. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsillier Cauchi kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

19.1.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsilliera Melanie Agius kienet talbet lill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza taghha mis-seduta minhabba ragunijiet ta' mard. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Agius kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

19.1.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett kienet talbet lill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza taghha mis-seduta minhabba ragunijiet ta' skola. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri Hammett kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

**19.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

19.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 16 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

19.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

19.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

19.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 17 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

19.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Johann Scerri ssekondata mis-Sur Marco Agius il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

19.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

19.2.7 Il-minuti ta' seduta numru 18 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

19.2.8 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

19.2.9 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 19.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

19.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' funtata li kienet qieghda tinbena biswit monument li kien hemm fi Triq Dom Mintoff, kienu gew sottomessi zewg applikazzjonijiet sabiex jiccaqlaq il-meter tad-dawl li kien hemm u sabiex jigi installat meter tal-ilma gdid.

19.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi residenta mil-lokalita' kienet avvicinatha u talbet sabiex taghmel xoghol klerikali volontarju mal-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi wara li kienet iddiskutiet mal-amministrazzjoni kien intlehaq qbil illi ma kelliex tinstab oggezzjoni ghat-talba tal-istess residenta.

19.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara s-seduta b'urgenza numru 17 li matulha kien gie diskuss Jum Bormla 2020, aktar tard matul is-seduta kien ser ikun hemm diskussjoni dwar il-materja.

19.3.4 Is-Sindku aggornat lill-Kunsill Lokali dwar zviluppi li kien hemm b'konnessjoni mal-monument bl-isem 'Id-Dghajsa tar-Rih', liema monument kien gie installat f'Bacir Numru 1.

19.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi fuq talba tal-Kunsill Konsultattiv ghan-Nofsinhar ta' Malta kien gie propost illi f'masterplan li kien ser ikun qieghed jigi mfassal ghaz-zona tal-Port il-Kbir, ikun inkluz il-progett tar-rignenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita.

19.3.6 Is-Sindku aggornat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni mal-progett LC Care Project li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta bi shab mal-NGO CSAF.

19.3.7 Is-Sindku meghjuna mill-Kunsillier Martin Vella infurmaw lill-Kunsilliera prezenti b'laqgha li ghaliha kien attenda l-istess Kunsillier Vella mal-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u li matulha kienet giet diskussa z-zamma tal-ordni fiz-zona tal-Kottonera.

19.3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif stipulat fl-att dwar il-Gvern Lokali kien jinhtieg illi qabel il-15 ta' Dicembru 2020 tinzamm laqgha annwali tal-lokalita' bil-ghan illi fost l-ohrajn jigu pprezentati l-estimi annwali ghall-2021. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet il-materja mas-Segretarju Ezekuttiv kien gie deciz illi filwaqt li jitharsu r-regolamenti marbuta mal-pandemija Covid-19, il-laqgha msemmija tinzamm nhar id-9 ta' Dicembru 2020 fl-4:30p.m.

19.3.9 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li rapprezentanti tal-Kunsill Lokali kellhom ma' Supretendent u Spettur tal-Pulizija godda li kienu gew assenjati jahdmu fl-ghassa ta' Bormla. Is-Sa. Zerafa ziedet tghid illi pubblikament xtaqet tirringrazzja lill-predecessuri taghhom ghal hidmiethom.

## 19.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

19.4.1 Ma kienx hemm

## 19.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

19.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru011/20) ghall-approvazzjoni.

19.5.2 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondat mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

19.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Ottubru 2020.

19.5.4 Fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

## 19.6 Mozzjonijiet

19.6.1 *Mozzjoni numru 03/2020*

Gentilment, qed inressaq dawn il-proposti:

- Ħadid mad-dawra tal-knisja ta' San Pawl;
- Installazzjoni ta' Bollards tul Triq San Ġorġ;
- Ineħħu il-One Way Sign li saret m'ilux fi Triq Matty Grima;
- Installazzjoni ta' tabella ta' Un/loading Bay ħdejn il-Convenience Store;
- Applikazzjoni għall-Belisha Lights mal-pedestrian crossings fi Triq Dom Mintoff u Triq San Pawl;
- Applikazzjoni għal double yellow lines fi Triq ix-Xatt (in-naħa ta' wara l-AUM);
- Installazzjoni ta' U Channel fil-kantuniera tal-White Crossa Pharmacy (Pjazza Gavino Gulia).
- Talba lil TM sabiex tingħalaq ic-centre strip fi Triq San Nikola – dik il-parti ta' kif taqbeż il-Grounds Peppi Delceppo, qabel iddur għal Fuq Verdala.

Proponent : Martin Vella

19.6.2 Is-Sur Martin Vella ressaq proposta sabiex il-mozzjoni originali tkun emendata u wara l-kliem 'double yellow lines fi Triq ix-Xatt' jizdied il-kliem 'faccata tal-garaxxijiet'. L-istess emenda kienet qieghda tipproponi illi wara l-kliem 'qabel

iddur ghal Fuq Verdala', jizdied il-kliem 'bl-eccezzjoni ta' nhar ta' Tlieta minhabba s-suq fil-berah'.

Il-mozzjoni hekk kif emendata giet issekondata mis-Sur Johann Scerri u approvata b'votazzjoni unanima.

**19.7 Sejhiet ghall-offerti/kwotazzjoniijiet**

19.7.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali evaluation report b'konnessjoni ma' sejha ghall-kwotazzjonijiet li kienet inharget ghall-kiri, installazzjoni u zarmar ta' dawl dekorattiv ghal zmien il-Milied. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, il-Kunsill Lokali kien ircieva offerta wahda biss, liema offerta kienet giet ikkunsidrata legalment valida mill-evalwaturi.

19.7.2 Wara diskussjoni qasira, fuq proposta tas-Sur Marco Agius issekondat mis-Sindku, il-Kunsill Lokali b'votazzjoni unanima qabel illi s-sejha ghall-kwotazzjonijiet kellha tigi aggudikata lill-uniku offerent li kien issottometta offerta.

**19.8 Memorandum of Understanding ma' Artopolis Ltd.**

19.8.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' memorandum of understanding li l-Kunsill Lokali kien qieghed jipproponi li jigi ffirmat bejn l-istess Kunsill Lokali u Artopolis Ltd. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi l-materja kienet giet diskussa f'seduti precedenti u d-dokument li kien qieghed jigi propost kien jirrifletti dak li kien gie diskuss fl-imsemmija seduti.

19.8.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jiffirma d-dokument hekk kif propost, liema dokument kien diga' gie approvat minn Artopolis Ltd.

**19.9 Rapporti**

19.9.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar – Settembru 2020 u stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall il-kontenut tad-dokument. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv ghadda rendikont ta' dak li kien jelenka r-rapport finanzjarju msemmi, fuq proposta tas-Sur Marco Agius issekondat mis-Sur Johann Scerri u b'votazzjoni unanima il-Kunsill Lokali approva ir-rapport in-kwistjoni.

19.9.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport dwar tabelli u sinjali tat-traffiku li kien jinhtieg jinbidlu ( Zoni 3 u 4), liema rapport jinsa anness u jifforma parti minn dawn il-minuti. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellhom jinbidlu t-tabelli li kien propost li jinbidlu skont l-imsemmi rapport.

19.9.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stima ghal kirja ta' servizz ta' kor u orkestra ghal Jum Bormla 2020, liema stima kienet tammonta ghal erba' mitt ewro. Kien hemm diskussjoni libera li matulha filwaqt li kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza msemmija, gie deciz illi kellu jinghata gieh Bormla lil Karmenu Mifsud Bonnici, eks-Prim Ministru ta' Malta. Kellhom ukoll jinghataw rikonoxximenti lis-Sinjuri Brian Loffreda u Patri Martin Borg ghal hidmiethom favur il-komunita' Bormliza u lis-Sinjuri Marvin Schembri u lir-Rev. Kan Dun Anton Cassar ghall-kontribut li taw lill-komunita' matul iz-zminijiet difficli tal-pandemija COVID-19. L-imsemmija rikonoxximenti kellhom jinghataw wara quddies li kienet ser tkun qieghda tinzamm fil-knisja parrokkjali fis-6:00p.m.

19.9.4 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi qabel tittiehed decizjoni dwar jekk il-Kunsill Lokali kellux jerfa' r-responsabilita' ghall-installazzjoni artisitka (id-dghajsa tar-rih), kellu jkun hemm indikazzjoni dwar kemm l-istess manutenzjoni kienet ser tkun qieghda tiswa'.
- Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellhom jiggeddu l-poloz ta' assigurazzjoni tas-Sahha ghall-impjegati u membri tal-Kunsill Lokali ghas-sena 2021. (Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali)
- Kien hemm qbil illi persuna li kienet talbet li tigi installata CCTV camera fi Triq Alessandra kellha tigi infurmata illi fl-istess triq il-Kunsill Lokali kien diga installa CCTV camera ohra.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghal talba mressqa minn studenti ta' MCAST sabiex tittella esibizzjoni ta' pittura fil-kappella ta' San Gwann t'Ghuxa. Fir-rigward, kellha tigi infurmata Artopolis Ltd.
- Il-Kunsill Lokali qabel li kellhom jinxtraw medicini minghand l-orhos offerenti b'konnessjoni mal-progett LC Care project li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta flimkien ma' CSAF. L-ispiza totali kienet tammonta ghal Ewro 2850.70.
- Kien hemm qbil illi kellha tinxtara pressure washer ghall prezz ta' Ewro 795.00, liema pressure washer kienet tahdem bil-petrol. Il-prezz imsemmi kien l-aktar wiehed vantaggjuz meta wiehed jikkumpara l-istimi li kienu ingabru.
- Kien hemm qbil illi ma kellha tinzamm laqgha bil-ghan illi jkun hemm diskussjoni ma individwu li kien ippropona li jigi ppublikat ktejjeb b'konnessjoni ma' ricerka li kien wettaq dwar laqmijiet ta' familji fil-lokalita'.
- Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi b'konnessjoni ma' proposta ta' monument tal-artist Joseph Casha, u wara li l-Kunsill Lokali iddiskuta tliet disinji ta' monumenti li kien ircieva, kemm il-darba jkun possibbli kellu jigi implimentat disinn bl-isem ta' Couple. Kemm il-darba ma kienx jirrizulta possibbli kellu jigi implimentat disinn bl-isemt a' Skultura Astratta.

- Kien hemm qbil illi l-kunsill Lokali kellu jestendi b'sitt gimghat programm ta' qbid ta' hamiem selvagg li kien gie implimentat fuq perjodu ta' tmien gimghat u li permezz tieghu inqabdu aktar minn 300 hamiema.
- Il-Kunsill Lokali iddiskuta petizzjoni li kienet waslet minghand residenti ta' Triq San Pawl.

**19.10** **Aggornament tas-seduta u data tas-seduta li jmiss**

**19.10.1** Is-seduta giet fi tmiemha fl-8:25p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghas-17 ta' Dicembru 2020 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum <u>17 ta' Diċembru, 2020</u>

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |